

VCA

VALLETTA CULTURAL AGENCY

# Cultural Programme 2023

**JANUARY - DECEMBER**

# WERREJ// CONTENTS


**Il-Programm Kulturali //** **07-36**
The Cultural Programme

**Strada Stretta** **37-42**

**Valletta Design Cluster** **43-52**

**Kalendarju Kulturali Jannar - Diċembru 2023 //** **53-56**
Cultural Calendar January - December 2023

# Owen Bonnici

**Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali //**
Minister for National Heritage, the Arts and Local Government



**Dan il-Programm Kulturali innovattiv mill-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta jkompli jippromwovi l-wirt kulturali tagħna billi jikkonverġi diversi forom tal-arti kif ukoll billi jlaqqa' n-nies flimkien u jgħaqqad il-passat, il-preżent u l-futur.**

**Il-belt kapitali tagħna, għalkemm waħda mill-iżgħar bliet kapitali tal-Ewropa, hija l-post perfett għal avvenimenti bħal dawn. Il-Belt Valletta tħaddan il-kreattività u d-diversità kulturali, u fi ħdan is-swar tagħha, wieħed jista' jħares faċilment lejn il-passat sabiex isib l-enerġija għall-futur. Il-kultura hija esperjenza umana li ngħixu kuljum, li dejjem tevolvi u dejjem tinsab f'kuntest. L-arti u l-kultura ma jistgħux jiġu esperjenzati f'vakum, speċjalment f'Malta bl-istorja rikka tagħha magħmula minn taħlita ta' kulturi differenti. Aħna determinati li nippreservaw il-patrimonju, il-kultura, il-memorja kollettiva u l-lingwa tagħna u inizjattivi bħal dawn ikomplu jippromwovu l-wirt tagħna.**

# FOREWORD

This innovative Cultural Programme by the Valletta Cultural Agency continues to promote our cultural heritage by converging various art forms as well as bringing people together and connecting the past, present and future.

Malta's very own capital, albeit one of Europe's smallest, is the perfect setting for such events. Life in the capital city of Valletta can be said to be built on creativity and cultural diversity, and within its walls, one can confidently look into the past to find the energy to leap into the future. Culture is a lived human experience, which is constantly evolving and is always within a context. Arts and culture cannot be experienced in a vacuum, especially in Malta with its rich history of being a melting pot of different cultures. We are determined to preserve our culture, collective patrimony, memory and language and such initiatives continue to promote our heritage.

# Jason Micallef

**Ċermen**
**L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta //**
Chairman
Valletta Cultural Agency



**Għal darb'oħra qed inniedu Programm Kulturali ta' attivitajiet imżewwaq għall-2023; Programm Kulturali li stabbilixxa ruħu fil-kalendarju kulturali nazzjonali. In-nies tkun qed tistennih għaliex matul is-sena, l-attivitajiet kollha organizzati mill-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta huma maħsubin biex isostnu l-qawmien soċjo-kulturali fil-Belt Valletta, għall-benefiċċju ta' kulħadd. Din minn dejjem kienet, u tibqa', il-missjoni tagħna. Il-Programm Kulturali tal-2023 se jkompli jwettaq din il-missjoni b'numru ta' attivitajiet mill-isbaħ.**

**Minbarra attivitajiet li saru sinonimi mal-Belt Valletta u l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta, bħal ma huma l-Valletta Green Festival u l-kunċert The Three Tenors, f'dan il-programm qed jiġu ppreżentati wkoll inizjattivi ġodda ma' artisti lokali u internazzjonali. L-attivitajiet kulturali tagħna huma ispirati l-aktar mill-innovazzjoni, il-mużika, it-teatru, l-arti performattiva u l-ambjent.**

**Staġjonalment, dan il-programm ma jinsa xejn - mill-Karnival, sal-Ġimgħa l-Kbira, ir-Rebbiegħa, is-Sajf jew il-festi tal-Milied – ser noffru xi ħaġa għal kulħadd f'kull żmien.**

**Nistednukom biex għal darb'oħra tingħaqdu magħna, tgawdu minn dak kollu li l-Belt Kapitali tagħna għandha x'toffri, u flimkien magħna, tagħmlu dawn l-attivitajiet suċċess.**

# FOREWORD

Once again we are launching a Cultural Programme of exciting activities for 2023; a programme that has established itself in the national cultural calendar. All the activities in this much-awaited programme organised by the Valletta Cultural Agency are intended to support the socio-cultural revival in Valletta, for the benefit of everyone. This has always been, and remains, our mission. The 2023 Cultural Programme will continue to fulfill this mission with a number of exciting projects.

In addition to events that have become synonymous with Valletta and the Valletta Cultural Agency, such as the Valletta Green Festival and The Three Tenors concert, new initiatives with both local and international artists are also being presented in this programme. Innovation, music, theatre, performing arts and the environment have a meaningful influence on our cultural offerings.

Seasonally, this programme does not leave anything out - from Carnival, to Holy Week, Spring, Summer and Christmas - we will offer something for everyone at all times.

We invite you to join us once again, and to enjoy all that our Capital City has to offer, so that together we can make these activities a success.

# Catherine Tabone

**Uffiċjal Kap Eżekuttiv**
**L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta //**
Chief Executive Officer
Valletta Cultural Agency



**Issa iżjed minn qatt qabel, il-Belt Valletta saret mużajk kulturali mill-isbaħ – punt ta' konverġenza għal avvenimenti artistiċi ta' kwalità għolja.**

**Ir-rwol li għandha l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta fl-ekonomija kreattiva tal-Belt Kapitali, u tabilħaqq tal-pajjiż, huwa tassew notevoli. Aħna nibqgħu kommessi li nkomplu nibnu fuq is-suċċessi tal-aħħar erba' snin filwaqt li nħaddnu l-possibilitajiet eċċitanti li joffri l-futur.**

**Wara s-suċċess kbir tal-kunċert ta' José Cura f'Ottubru, l-ewwel nofs tal-2023 ser jikkonsisti fil-produzzjoni tat-Tosca f'Marzu li ġej, b'kollaborazzjoni mat-Teatru Manoel. Sadanittant, il-programmi ta' Strada Stretta u tal-Valletta Design Cluster huma xhieda tar-rwol sinifikanti li l-kultura jista' u għandu jkollha fil-valorizzazzjoni ta' kull parti tal-Belt.**

**Matul ix-xhur li ġejjin, se noħolqu iżjed sħubijiet u kollaborazzjonijiet lokali u internazzjonali filwaqt li niżguraw li r-residenti u l-viżitaturi tal-Belt Valletta jibqa' jkollhom aċċess għal firxa wiesgħa ta' esperjenzi kulturali ta' eċċellenza.**

**Nistednuk tingħaqad magħna biex niċċelebraw dan il-vjaġġ flimkien.**

# FOREWORD

More than ever, Valletta has become a beautiful cultural mosaic – a point of convergence for high-quality artistic events.

The part the VCA plays in the Capital City's, and indeed in the country's creative economy, is remarkable. We remain committed to continue building upon the successes of the past four years while embracing the exciting possibilities which the future offers.

Following the great success of José Cura's concert in October, the first half of 2023 will see the production of Tosca this March, in collaboration with Teatru Manoel. The Strada Stretta Programme and the Valletta Design Cluster meanwhile serve as testament to the significant role culture can and should play in the valorisation of every area within the Capital City.

Over the coming months, we will forge more local and international partnerships and collaborations while ensuring that Valletta residents and visitors continue to have access to a remarkable range of cultural experiences of excellence.

We invite you to join us and to celebrate this journey with us!



c. Darren Agius



# CITY OF COLOUR

**MARZU, ĠUNJU, NOVEMBRU** //
MARCH, JUNE, NOVEMBER

**TRIQ IN-NOFSINHAR** //
SOUTH STREET

**Installazzjonijiet artistiċi li jinbidlu kull ftit xhur fi programm maħsub biex jagħti kulur lit-toroq tal-Kapitali. Wara s-suċċess tal-installazzjonijiet fi Triq in-Nofsinhar fl-aħħar sentejn, ser ikunu qed jintgħażlu sensiela ġdida ta' installazzjonijiet permezz ta' sejħiet għall-proposti.**

A programme of artistic installations changing every few months, meant to bring colour and art to the streets of the Capital. Following the success of installations in South Street in the past two years, a new series of installations will be selected by means of calls for proposals.

# TOSCA

**5, 8, 10, 12 MARZU** // MARCH

**TEATRU MANOEL**

**Se tkun qed titella' produzzjoni ġdida tal-opra *Tosca* ta' Giacomo Puccini, iddisinjata mill-artist ta' fama mondjali José Cura, li se jkun ukoll qed jieħu ħsieb id-direzzjoni tal-opra u jieħu sehem fiha fil-parti prinċipali ta' Cavaradossi. Din il-produzzjoni qed titella' flimkien mat-Teatru Manoel bis-sehem ta' KorMalta u l-Malta Philharmonic Orchestra mmexxija minn Mario De Rose.**

A new production of Giacomo Puccini's opera *Tosca*, designed, directed and featuring world class artist José Cura in the main part of Cavaradossi, will be held in partnership with Teatru Manoel. The opera will also feature KorMalta and the Malta Philharmonic Orchestra conducted by Mario De Rose.





# FIT-3:00PM

**31 MARZU** // MARCH
**1-2, 4-5, 7-8 APRIL**

**TEATRU SPAZJU KREATTIV** //
SPAZJU KREATTIV THEATRE

**Għall-istaġun li jmiss, Joseph Galea u Carlos Farrugia, qed iħejju produzzjoni oħra li filwaqt li tmur lil hinn minn dak li huwa tradizzjonali, għandha rabtiet ma' aspetti tar-ritwal u l-kult Malti fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa. *FIT-3:00PM* għandha kitba ta' Lon Kirkop bi produzzjoni u direzzjoni ta' Joseph Galea u Carlos Farrugia.**

Well-known theatre personalities Joseph Galea and Carlos Farrugia are preparing another engaging production which, while going beyond the traditional, links with aspects of Maltese ritual and cult practices during Holy Week. *FIT-3:00PM* is written by Lon Kirkop and will be produced and directed by Joseph Galea and Carlos Farrugia.


VICEROY



c. Darren Agius



# MIXGĦELA TAL-ĠIMGĦA MQADDSA

**5-7 APRIL**

**PJAZZA SAN ĠORĠ //**
ST GEORGE'S SQUARE

**Matul il-Ġimgħa Mqaddsa ser tittella' l-mixgħela tradizzjonali fi Pjazza San Ġorġ li permezz ta' mijiet ta' fjakkoli toħloq atmosfera ta' ġabra filwaqt li sservi ta' attrazzjoni fil-qalba tal-Belt Valletta.**

Hundreds of fire bowls will make up a traditional Good Friday installation in St George's Square during Holy Week, creating a space for reflection while serving as an attraction in the heart of Valletta.

# MARY SPITERI: MY LIFE

**16 APRIL**

**DAR IL-MEDITERRAN GĦALL-KONFERENZI** // MEDITERRANEAN CONFERENCE CENTRE

**B'karriera ċelebri ta' aktar minn ħamsin sena fil-kant, Mary Spiteri hi fost l-aktar kantanti popolari, maħbubin mill-poplu Malti u Għawdxi kollu. B'karriera ta' ħames deċennji u aktar, kisbet ukoll fama internazzjonali meta rrappreżentat lil Malta fil-Eurovision Song Contest fl-1992 bil-kanzunetta *Little Child*. Mary Spiteri hi sinonima wkoll għall-verżjoni tagħha tal-kanzunetta Tema '79 mill-aktar Rock Opera popolari Maltija *Ġensna*. *Mary Spiteri: My Life* jiċċelebra lil din il-kantanta ikonika Maltija, ħajjitha, u l-karriera tal-kant tagħha permezz ta' repertorju ta' kanzunetti u intervisti bis-sehem ta' Mary Spiteri u kantanti mistiedna ohra. *Mary Spiteri: My Life* hija l-ewwel bijografija tax-xorta tagħha li qatt itellgħet live f'teatru.**

With a grand musical career spanning over 50 years, Mary Spiteri is among the most popular singers, loved by all Maltese and Gozitans. With a career of over five decades, she rose to international fame when representing Malta in the Eurovision Song Contest in 1992 with her song *Little Child*. Mary Spiteri is also well-known for her version of the piece Tema '79 from the most well-known Maltese rock opera *Ġensna*. *Mary Spiteri: My Life* celebrates this iconic Maltese singer, her life and career by means of a repertoire of songs and interviews with the participation of Mary Spiteri and guest singers. *Mary Spiteri: My Life* is the first biography of the sort to be produced live in a theatre.







c. Darren Agius



# VALLETTA GREEN FESTIVAL

**3-7 MEJJU//**
MAY

**PJAZZA SAN ĠORĠ//**
ST GEORGE'S SQUARE

**Il-Valletta Green Festival se joffri ġnien fantastiku li joħloq vjaġġ maġiku f'waħda mill-akbar żoni miftuħa tal-Kapitali. Il-festival jibni fuq ix-xogħol tal-European Green Week billi jipprovdi appoġġ għall-politika ambjentali u jtejjeb l-implimentazzjoni tagħha, filwaqt li joħloq komunità ta' partijiet interessati u ċittadini involuti.**

The Valletta Green Festival will be home to a fantasy garden creating a magical trail in one of the Capital's largest open areas. The festival builds on the work of the European Green Week in providing support for environmental policies and enhancing their implementation, creating a community of involved stakeholders and citizens.

# VALLETTA CONCOURS D'ELEGANCE

**20-28 MEJJU** // MAY

**KAŻIN TAL-BANDA KING'S OWN** // KING'S OWN BAND CLUB

**Il-Valletta Concours d'Elegance jgħaqqad flimkien kemm l-inġinerija artistika tal-Belt kif ukoll il-vetturi. L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta qed tieħu sehem f'dan l-avveniment permezz ta' esibizzjoni li tinkludi xogħlijiet ta' seba' artisti li jiffukaw fuq is-suġġett tal-Belt Valletta u vetturi klassiċi.**

The Valletta Concours d'Elegance brings together the artistic engineering of the city and vehicles. The Valletta Cultural Agency is taking part in this event with an artistic exhibition featuring the works of seven artists depicting scenes from Valletta and classic cars.










c. Jonathan Borg



# CINEMA CITY

**5-10 ĠUNJU** // JUNE

**ĠNIEN LAPERELLI** // LAPARELLI GARDENS

**L-edizzjoni ta' din is-sena, kkurata mill-komunità tinkludi temi varji fosthom films klassiċi u moderni, animazzjoni u films għall-familja. L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta stiednet membri tal-udjenza biex isiru parteċipanti attivi f'dan l-avveniment ta' wiri tal-films li issa qed jidħol fil-kalendarju annwali tal-Belt Valletta. Il-voluntiera jintalbu jaraw numru ta' films li jaqgħu taħt ġeneri differenti u minnhom jiġu magħżula l-ħames films li se jintwerew.**

**L-udjenza tista' tgawdi dan il-wiri ta' films fil-miftuħ, mingħajr ħlas.**

This year's community curated edition includes a mix of themes featuring classic and modern films, animation, and family-friendly movies. The Valletta Cultural Agency invites audience members to become active participants in this film screening event. Volunteers are asked to watch a number of movies falling under different genres, out of which the five films to be screened are selected.

Audiences may enjoy these outdoor screenings free of charge.

# OPERA IN THE CITY: THE THREE TENORS

**28 ĠUNJU //**
JUNE

**PJAZZA SAN ĠORĠ //**
ST GEORGE'S SQUARE

**Opera in the City – The Three Tenors huwa kunċert annwali fil-programm tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta bis-sehem tat-tliet tenuri Maltin ta' fama internazzjonali, Nico Darmanin, Alan Sciberras u Cliff Zammit Stevens.**

**Opera in the City - The Three Tenors joffri serata ta' melodiji famużi mad-dinja kollha. Dan huwa t-tielet kunċert mis-serje li qed jittella' wara s-suċċess tal-ewwel żewġ edizzjonijiet. Ir-ripertorju tas-serata huwa wieħed mill-iktar melodiċi u jinkludi bosta siltiet popolari minn dawn it-tliet tenuri b'vuċijiet uniċi u partikolari ħafna.**

Opera in the City – The Three Tenors is an annual event in the Valletta Cultural Agency's programme, with the participation of three Maltese tenors of international fame, Nico Darmanin, Alan Sciberras and Cliff Zammit Stevens.

Opera in the City – The Three Tenors will be an evening of world-famous operatic tunes. This is the third concert in the series, following the great success of the first two editions. The repertoire for tenor voices is one of the most melodic and includes many well-known tunes.




c. Darren Agius





# MALTA FASHION WEEK

**28 ĠUNJU** // JUNE
- **5 LULJU** // JULY

**VALLETTA**

**Il-moda u dak kollu li ġġib magħha! Il-Malta Fashion Week tittrasforma l-Kapitali f'catwalk fejn l-aqwa talent fl-industrija tal-moda Maltija, mudelli, disinjaturi, bloggers u ħafna aktar juru dak kollu li l-industrija għandha x'toffri fix-xena internazzjonali.**

It's all about fashion, glitz and glam! Malta Fashion Week transforms the capital into a catwalk for Malta's topshelf talent and all that the local fashion industry has to offer the international scene with models, designers, bloggers and many more taking centre stage.

# EUROPRIDE VALLETTA 2023

**7-17 SETTEMBRU //** SEPTEMBER

**VALLETTA**

**Din is-sena l-Belt Valletta se tkun qed tospita l-akbar avveniment ta’ diversità fl-Ewropa, il-EuroPride Valletta 2023, mtella' minn ARC-Allied Rainbow Communities, l-organizzaturi ta’ Malta Pride. L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta ser tkun qed tieħu sehem f'dan l-avveniment għaliex temmen li jikkontribwixxi għal aktar diversità u ugwaljanza fl-Ewropa u r-reġjuni tal-madwar, filwaqt li jgħin biex ikun hemm livell għoli ta’ drittijiet tal-bniedem għall-persuni kollha LGBTIQ+.**

This year Valletta will be home to the largest diversity gathering in Europe, EuroPride Valletta 2023, organised by ARC-Allied Rainbow Communities, organisers of Malta Pride. The Valletta Cultural Agency is taking part in this event since it believes that it contributes to more diversity and equality in Europe and surrounding regions, while it also helps to have a high level of human rights for all members of the LGBTIQ+ community.





c. Melanie Erixon





# CLASSIC GUITAR AT THE GRAN SALON

**30 SETTEMBRU** // SEPTEMBER

**IL-MUŻEW NAZZJONALI TAL-ARKEOLOĠIJA** // NATIONAL MUSEUM OF ARCHAEOLOGY

**Il-kitarrista Ċeka rebbieħa ta' diversi premjijiet Barbora Kubíková se tkun qed tagħti prestazzjoni fuq il-kitarra klassika. Imwielda fl-1998, Kubíková daqqet ma' wħud mill-aqwa orkestri fi Praga, Dresden u Zurich fost l-oħrajn. Hija tikkollabora regolarment, fost artisti oħra, ma' Maestro José Cura li huwa magħruf madwar id-dinja, u daqqet diversi kunċerti miegħu fir-Repubblika Ċeka, il-Ġermanja, l-Isvizzera u Spanja.**

Award winning Czech guitarist Barbora Kubíková will be serenading audiences on the classical guitar. Born in 1998, Kubíková has performed with some of the best orchestras in Prague, Dresden and Zurich among others. She regularly performs with world known artists, including Maestro José Cura and has played several concerts by his side in the Czech Republic, Germany, Switzerland and Spain.

# VALLETTA LOCAL FOOD FESTIVAL

**5-7 OTTUBRU** // OCTOBER

**VALLETTA DESIGN CLUSTER**

**L-ikel huwa parti mill-esperjenza umana. Minbarra li huwa bżonnjuż sabiex ngħixu, l-ikel huwa wkoll forma ta' espressjoni kulturali fejn kull pajjiż għandu l-ikel tipiku tiegħu, li jenfasizza forma ta' tradizzjoni li hija unika għal dak ir-reġjun. Il-Valletta Local Food Festival jippromwovi u jiċċelebra x-xena kulinari Maltija, il-manifattura tal-ikel lokali u l-varjetà ta' ingredjenti u riċetti li jiġu prodotti. Kull lejl se jenfasizza prodott jew teknika lokali differenti fil-binja tal-Valletta Design Cluster.**

Food is part of the human experience. Apart from it being a necessity for our survival, it is also a form of cultural expression where each country has its own cuisine, highlighting a form of tradition that is unique to that region. The Valletta Local Food Festival promotes and celebrates the Maltese culinary scene, its local food manufacturer and the variety of ingredients and recipes that are produced. Each night will highlight a local product or technique, at the Valletta Design Cluster.





c. Jonathan Borg



c. Darren Tanti



# VISUAL ART EXHIBITION: DARREN TANTI

**DIĊEMBRU** // DECEMBER

**L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta torganizza l-esibizzjoni annwali tagħha tal-arti viżiva, li tiċċelebra l-aqwa talent lokali, f'Diċembru. Din il-wirja se tiffoka fuq ix-xogħol ta' Darren Tanti li huwa mibni fuq l-iperrealtà u l-integrazzjoni tal-mezzi diġitali fit-tekniki tal-pittura esplorattiva. Tanti pparteċipa f'diversi proġetti tal-arti u wirjiet f'kuntesti internazzjonali fosthom il-Biennale tal-Arti ta' Venezja tal-2017 bħala parti minn grupp ta' artisti.**

The Valletta Cultural Agency holds its annual visual art exhibition, celebrating the best local talent, in December. This exhibition will bring to light the work of Darren Tanti who focuses on the hyperreality and the integration of the digital into explorative painting techniques. He has participated in several art projects and exhibitions in international contexts including the 2017 Venice Art Biennale as part of an artist collective.

**Il-Programm tal-Milied tal-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta jitella' bejn l-24 ta' Novembru u l-31 ta' Diċembru fil-pjazez ewlenin u t-toroq pittoreski tal-Belt Valletta, filwaqt li d-dawl tal-Milied u d-dekorazzjonijiet jistgħu jkomplu jitgawdew anke matul l-ewwel ġimgħa ta' Jannar. Is-Siġra tal-Milied ħdejn il-bini tal-Parlament kif ukoll il-Presepju li jirrakkonta t-twelid ta' Kristu u d-diversi attivitajiet li jittellgħu għall-familji, idaħħlu lil kulħadd fl-ispirtu. Il-Programm tal-Milied jiġi fi tmiemu biċ-ċelebrazzjonijiet annwali ta' Lejlet l-Ewwel tas-Sena.**

The Valletta Cultural Agency's Christmas Programme will take place from the 24th November till the 31st December in the main squares and the picturesque streets of Valletta while Christmas lights and decorations can continue to be enjoyed throughout January. The Christmas Tree near Parliament, the crib that narrates Christ's birth and the various family activities held, celebrate the Christmas spirit. The Christmas Programme comes to an end with the annual New Year's Eve Celebrations in Valletta.

# CHRISTMAS PROGRAMME 2023

**24 NOVEMBRU**// NOVEMBER -
**31 DIĊEMBRU** // DECEMBER



c. Jonathan Borg



c. Jonathan Borg




# STRADA STRETTA: TNEJN GĦAT-TALKIES

**MATUL IS-SENA** //
THROUGHOUT THE YEAR

**EMBASSY CINEMAS**

**Tnejn għat-Talkies hija sensiela ta' wiri ta' films li tiċċelebra films klassiċi u memorabbli fil-qalba tal-Kapitali. Il-wiri jsir kull ħmistax, nhar ta' Tnejn, fl-Embassy Cinemas, il-Belt Valletta.**

Tnejn għat-Talkies is a film screening series showing classic and memorable films in the heart of the Capital. Screening takes place every fortnight, on a Monday, at The Embassy Cinemas, Valletta.

# STRADA STRETTA: THE SPIRIT OF '73

**18 FRAR** // FEBRUARY

**THE SILVER HORSE**

**The Spirit of '73 ser titella' minn The Strait Collective, bis-sehem ta' David Cassar Torreggiani. Din il-band qed tingħaqad għal lejl ta' mużika bil-parteċipazzjoni ta' kantanti mistiedna li se jesegwixxu wħud mill-iktar siltiet klassiċi magħrufa li raw id-dawl għall-ewwel darba fl-1973, 50 sena ilu, meta Strada Stretta kienet fl-aqwa tagħha.**

The Spirit of '73 will feature the Strait Collective, with the participation of David Cassar Torreggiani. This band is being brought together for a night of music and includes various guest singers who will be performing some of the best known classics that first saw the light of day in 1973, 50 years ago, when Strait Street was at its peak.





# STRADA STRETTA: ARTI

14-16, 21 - 23 APRIL

SPLENDID

**ARTI huwa dramm komiku li fl-istess waqt isaqsi l-mistoqsija perenni, "x'inhi tassew l-Arti?" Oriġinarjament miktub bl-Ingliż minn Yasmina Reza, bi traduzzjoni u direzzjoni ta' Albert Marhsall, u l-parteċipazzjoni ta' Ray Calleja, Mikhail Basmadijan u Sean Buhagiar.**

ARTI is a comical drama which at the same time asks the perennial question, 'what is Art?' Originally written in English by Yasmina Reza, translated and directed by Albert Marshall, with the participation of Ray Calleja, Mikhail Basmadijan and Sean Buhagiar.









# INNOVAIR

**MATUL IS-SENA** //
TROUGHOUT THE YEAR

**VALLETTA DESIGN CLUSTER**

**L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta tħeġġeġ lill-artisti bbażati f'Malta u dawk internazzjonali biex jissottomettu proposti għal sħubija fil-programm InnovAir 2023 tal-Valletta Design Cluster Artist in Residence. Il-proposti sottomessi għal din is-sejħa, li hija miftuħa sa Diċembru 2023, għandhom jiffokaw fuq ir-riċerka, l-iskambju kreattiv u l-innovazzjoni, marbuta mat-temi tal-kultura urbana, is-sostenibbiltà u/jew l-azzjoni komunitarja.**

The Valletta Cultural Agency encourages Malta-based and international artists to submit proposals to join the InnovAir 2023 programme at the Valletta Design Cluster Artist in Residence. Submitted proposals for this call, which is open until December 2023, are to focus on research, creative exchange and innovation, linked to the themes of urban culture, sustainability and/or community action.

**Il-Valletta Design Cluster fi ħdan l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta huwa spazju komunitarju għall-prattika kulturali u kreattiva li jinsab fil-Biċċerija l-Antika fil-Belt Valletta, li fuqha għaddej xogħol ta' rinnovazzjoni. Il-Valletta Design Cluster mhux biss spazju għall-membri biex jaħdmu fih iżda huwa wkoll hub fejn il-konnessjonijiet jifjorixxu.**

**Il-Valletta Design Cluster se jkun qed jorganizza sensiela ta' laqgħat soċjali fil-Cluster għall-membri, il-ġirien u f'xi każijiet, il-pubbliku ġenerali. Dawn il-laqgħat ta' kull xahar se jinkludu laqgħat, preżentazzjonijiet, wirjiet, taħditiet u aktar. Permezz tagħhom titrawwem aktar komunikazzjoni, kollaborazzjoni bejn l-utenti tagħna u l-bini ta' komunità vibranti.**

The Valletta Design Cluster within the Valletta Cultural Agency is a community space for cultural and creative practice situated in the renovated Old Abattoir (Il-Biċċerija l-Antika) in Valletta. The Valletta Design Cluster is not just a space for the members to work within but is also a hub for connections to blossom.

The Valletta Design Cluster will be organising a series of social gatherings at the Cluster for members, neighbors and in some cases, the general public. These monthly gatherings will include presentations, screenings, talks and more, fostering more communication, collaboration between our users and the building of a vibrant community.

# VALLETTA DESIGN CLUSTER GATHERINGS 2023

**MATUL IS-SENA //**
THROUGHOUT THE YEAR

**VALLETTA DESIGN CLUSTER**



c. Darren Agius





# VALLETTA DESIGN CLUSTER MEMBERSHIP DRIVE

**MATUL IS-SENA** //
THROUGHOUT THE YEAR

**VALLETTA DESIGN CLUSTER**

**Ingħaqad mal-komunità tagħna billi tirreġistra taħt is-sezzjoni Valletta Design Cluster fuq is-sit web tal-VCA. Il-membri se jkollhom aċċess esklussiv għal riżorsi uniċi fosthom il-Makerspace, il-Foodspace, kmamar tal-laqgħat u spazju ta' ko-working fil-qalba tal-Belt Valletta.**

Join our community by registering under the Valletta Design Cluster section on the VCA website. Members will have exclusive access to unique resources including the Makerspace, the Foodspace, meeting rooms and a co-working space in the heart of the city.

**L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta u Spazju Kreattiv joffru programm ta' residenza matul is-sena kollha lil kreattivi bbażati barra minn Malta.**

**Il-programm huwa miftuħ għal prattikanti mill-oqsma kreattivi kollha biex iqattgħu massimu ta' erba' ġimgħat fil-Valletta Design Cluster għal suġġetti ta' riċerka li se jitħabbru f'sejħa għall-applikazzjonijiet annwali, b'approċċ ibbażat fuq il-komunità.**

**Il-programm huwa opportunità tajba għal dawk il-kreattivi li huma interessati li japplikaw il-prattika tagħhom għal suġġetti ta' riċerka relatati ma' Malta. Is-sejħa għal proposti għal residenzi li jsiru fl-2024 se toħroġ fir-Rebbiegħa 2023. L-artisti li se jingħaqdu mal-VDC fl-2023 huma: Tanja Hamester; Erin McGuinness; Patricia Abela.**

The Valletta Cultural Agency and Spazju Kreattiv offer a year-round residency programme to creatives based outside of Malta.

The programme is open to practitioners from all creative fields to spend a maximum of four weeks at the Valletta Design Cluster to research topics which will be announced in a yearly call for applications, taking a community-based approach.

The programme is a good opportunity for those creatives who are interested in applying their practice to research topics relating to Malta. The Call for proposals for residencies taking place in 2024 will be out in Spring 2023. The artists who will join the VDC in 2023 are: Tanja Hamester; Erin McGuinness; Patricia Abela.

# ARTISTS' RESIDENCY 2023 CALL

**MATUL IS-SENA //**
THROUGHOUT THE YEAR

**VALLETTA DESIGN CLUSTER & SPAZJU KREATTIV**






# ULYSSES' SHELTER 3

**FIR-REBBIEGĦA U S-SAJF //**
SPRING & SUMMER

**VALLETTA DESIGN CLUSTER**

**Building Literary Residencies Network huwa proġett ta' skambju ta' residenza għall-kittieba kofinanzjat mill-programm Ewropa Kreattiva 2021-2027 u mmexxi lokalment minn Inizjamed.**

**Il-programm ta' residenza jagħti lill-awturi emerġenti fil-proża, il-poeżija, it-traduzzjoni u l-kitba ta' skripts l-opportunita li jaħdmu, iwettqu u jippreżentaw lilhom infushom f'seba' pajjiżi Ewropej. Kull residenza se tkun akkumpanjata minn programm divers ta' attivitajiet relatati mal-letteratura bħal qari letterarju, workshops u festivals. Il-Valletta Design Cluster se jkun qed jikkollabora ma' Inizjamed billi jospita lil Esyllt Angharad Lewis u Ruqaya Izzidien għal ġimagħtejn kull wieħed fir-Rebbiegħa tal-2023, filwaqt li jinvolvi ruħu mal-komunitajiet kreattivi lokali fil-Belt Valletta kif ukoll madwar il-gżira.**

Building Literary Residencies Network is a residency exchange project for writers co-funded by the Creative Europe programme 2021-2027 and led locally by Inizjamed.

The residency programme gives emerging authors in prose, poetry, translation and scriptwriting the opportunity to work, perform and present themselves in seven European countries. Each residency will be accompanied by a diverse programme of literature-related activities such as literary readings, workshops and festivals. The Valletta Design Cluster will be collaborating with Inizjamed by hosting Esyllt Angharad Lewis and Ruqaya Izzidien for two weeks each in spring 2023, engaging with local creative communities in Valletta as well as across the island.

**Il-kollaborazzjoni bejn l-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta u l-EIT Urban Mobility se tkompli fl-2023 permezz tal-ħidma tal-EIT Urban Mobility RIS Hub Malta, immexxi b'mod konġunt mill-VCA, l-MCAST u l-Project Aegle Foundation. Filwaqt li jipprovdi appoġġ lin-negozji, entitajiet edukattivi u ta' riċerka attivi lokalment fil-mobilità sostenibbli, il-Hub se jiffoka l-attivitajiet tiegħu tal-2023 fuq l-involviment maċ-ċittadini u ż-żgħażagħ lokali biex jippromwovi modi sostenibbli ta' kif jivvjaġġaw fil-gżejjer tagħna.**

The collaboration between the Valletta Cultural Agency and EIT Urban Mobility is going to continue in 2023 through the work of the EIT Urban Mobility RIS Hub Malta, jointly run by the VCA, MCAST and Project Aegle Foundation. While still providing support to businesses, educational and research entities active locally in sustainable mobility, the Hub will focus its 2023 activities on engaging with local citizens and youths to promote sustainable ways to travel on our islands.

# EIT URBAN MOBILITY HUB

**MATUL IS-SENA //**
THROUGHOUT THE YEAR

**VALLETTA DESIGN CLUSTER**



# KALENDARJU

## JANNAR - DIĊEMBERU '23

## STRADA STRETTA: TNEJN GĦAT-TALKIES

**EMBASSY CINEMAS**

**MATUL IS-SENA** // THROUGHOUT THE YEAR

**Wiri ta' Films**
Film Screening

37-38

## FIT-3:00PM

**TEATRU SPAZJU KREATTIV//**
SPAZJU KREATTIV THEATRE

**31 MARZU** // MARCH
**1-2, 4-5, 7-8 APRIL**

**Produzzjoni Teatrali** //
Theatre Production

11-12

## MIXGĦELA TAL-ĠIMGĦA MQADDSA

**PJAZZA SAN ĠORĠ** //
ST GEORGE'S SQUARE
**5-7 APRIL**

**Installazzjoni fil-Miftuħ//**
Outdoor Installation

13-14

## STRADA STRETTA: ARTI

**SPLENDID**

**14-16, 21-23 APRIL**

**Produzzjoni Teatrali** //
Theatre Production

41-42

## STRADA STRETTA: THE SPIRIT OF '73

**THE SILVER HORSE**

**18 FRAR //** FEBRUARY

**Kunċert //** Concert

39-40

## CITY OF COLOUR

**TRIQ IN-NOFSINHAR //** SOUTH STREET

**MARZU, ĠUNJU, NOVEMBRU** // MARCH, JUNE, NOVEMBER

**Installazzjoni fil-Miftuħ //** Outdoor Installation

07-08

## TOSCA

**TEATRU MANOEL**

**5, 8, 10, 12 MARZU //** MARCH

**Opra //** Opera

09-10

## MARY SPITERI: MY LIFE

**DAR IL-MEDITERRAN GĦALL- KONFERENZI** MEDITERRANEAN CONFERENCE CENTRE

**16 APRIL**

**Kunċert //** Concert

15-16

## VALLETTA GREEN FESTIVAL

**PJAZZA SAN ĠORĠ //** ST GEORGE'S SQUARE

**3-7 MEJJU //** MAY

**Festival**

17-18

## VALLETTA CONCOURS D'ELEGANCE

**KAŻIN TAL-BANDA KING'S OWN** KING'S OWN BAND CLUB

**20-28 MEJJU //** MAY

**Wirja //** Exhibition

19-20

## CINEMA CITY

**ĠNIEN LAPARELLI** // LAPARELLI GARDENS

**5-10 ĠUNJU** // JUNE

**Festival**

21-22

## OPERA IN THE CITY

**PJAZZA SAN ĠORG** // ST GEORGE'S SQUARE

**28 ĠUNJU** // JUNE

**Kunċert //** Concert

23-24

## MALTA FASHION WEEK

**VALLETTA**

**28 ĠUNJU** // JUNE – **5 LULJU** // JULY

**Festival**

25-26

## CHRISTMAS PROGRAMME 2023

**VALLETTA**

**24 NOVEMBRU** // NOVEMBER **-** **31 DIĊEMBRU** // DECEMBER

**Festival**

35-36

## VISUAL ART EXHIBITION

**DIĊEMBRU** // DECEMBER

**Wirja //** Exhibition

33-34

## VALLETTA DESIGN CLUSTER MEMBERSHIP DRIVE

**MATUL IS-SENA** // THROUGHOUT THE YEAR

47-48

## EUROPRIDE VALLETTA 2023

**VALLETTA**

**7-17 SETTEMBRU** // SEPTEMBER

**Festival**

27-28

## CLASSIC GUITAR AT THE GRAN SALON

**MUŻEW NAZZJONALI TAL-ARKEOLOĠIJA**
// NATIONAL MUSEUM OF ARCHAEOLOGY

**30 SETTEMBRU** // SEPTEMBER

**Kunċert //** Concert

29-30

## VALLETTA LOCAL FOOD FESTIVAL

**VALLETTA DESIGN CLUSTER**

**5-7 OTTUBRU** // OCTOBER

**Festival**

31-32

## INNOVAIR

**VALLETTA DESIGN CLUSTER**

**MATUL IS-SENA** // THROUGHOUT THE YEAR

43-44

## VALLETTA DESIGN CLUSTER OPEN DAYS

**VALLETTA DESIGN CLUSTER**

**MATUL IS-SENA** // THROUGHOUT THE YEAR

45-46

## ULYSSES' SHELTER 3

**VALLETTA DESIGN CLUSTER**

**SPRING**

51-52

## ARTISTS' RESIDENCY 2023 CALL

**VALLETTA DESIGN CLUSTER**

**MATUL IS-SENA** // THROUGHOUT THE YEAR

49-50




c.Justine Ellul

**Valletta Cultural Agency**

Exchange Buildings
Republic Street
Valletta, VLT 1117
Malta

**w.** www.vca.gov.mt
**e.** info@vca.gov.mt
**t.** (+356) 2124 2018

L-informazzjoni f'dan il-ktejjeb kienet korretta qabel intbagħtet għall-istampar. L-Aġenzija Kulturali għall-Belt Valletta tirriserva d-dritt li temenda dati u dettalji oħra tal-attivitajiet tagħha f'kull ħin // The information on this booklet was correct at the time of going to print. The Valletta Cultural Agency reserves the right to amend dates and other event details at any time.

VALLETTA
CULTURAL
AGENCY

# Cultural Programme

2023